

Brussell, 14 ta' April 2020  
(OR. en)

7276/20

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0055(APP)

---

---

FIN 210  
CADREFIN 71

**NOTA PUNT "I"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	7147/20 - COM(2020) 174 final
Nru. dok. preċ.:	7205/20
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji

---

1. Fit-2 ta' April 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji.
2. Il-proposta ġiet eżaminata fil-livell tal-grupp ta' ħidma fis-6 ta' April. It-test li rriżulta minn dak l-eżami u ffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti jinsab fid-dokument 7170/20.
3. F'konformità mal-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta r-Regolament billi jaġixxi unanimament u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

4. Fit-8 ta' April 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu fil-prinċipju u fl-14 ta' April il-Kunsill qabel li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-abbozz ta' Regolament kif jinsab fid-dokument 7170/20<sup>1</sup>. Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Regolament fis-16 ta' April.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 fir-rigward tal-ambitu tal-Marġini Globali għall-Impenji, kif jinsab fid-dokument 7170/20 (kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti);
  - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu; kif ukoll
  - jikkonferma l-qbil tiegħu li, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, il-Kunsill jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

---

<sup>1</sup> Dok. 7205/20.